**14 ta' Lulju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Markeżino Anthony Cremona Barbaro LL.D.

*versus*

Dr. Albert Cilia Vincenti M.D.*et*

**Kjamata in kawża**

*Il-Qorti elenkat kif l-istitut tal-kjamata in kawża jaqdi diversi funzjonijiet proċedurali.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur ippremetta illi huwa l-uniku proprjetarju u għandu l-pussess tal-fond magħruf bħala Villa Barbaro, Triq il-Kbira, Ħattard bl-ambjenti kollha tagħha inkluża kantina;

U premess illi fit-tletin (30) ta' Mejju, 1995 il-konvenut fetaħ apertura għal ġo din il-kantina mill-fond tiegħu magħruf bħala Edna House, 44A Triq il-Kbira, Ħattard u b'hekk ivvjola l-pussess ta' l-istess attur għall-ambjenti kollha tal-fond tiegħu;

U premess illi l-attur għandu interess u dritt imantni indisturbat il-pussess tal-fond tiegħu;

L-attur talab li din l-Onorabbli Qorti;

Tiddikjara u tiddeċidi li l-attur ġie mmolestat fil-pussess tal-kantina tal-fond tiegħu Villa Barbaro, Triq il-Kbira, Ħattard mill-konvenuti u dan fi żmien l-aħħar sena mill-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni;

Tikkundanna lill-konvenuti konsegwentement fi żmien qsir u perentorju jpoġġu kollox fl-istat pristin tiegħu biex b'hekk l-attur jinżamm fil-pussess tal-beni immobbli tiegħu fuq deskritt;

Tawtorizza l-attur fl-eventwalità ta' l-inadempjenza tal-konvenuti jagħmel ix-xogħol kollu meħtieġ a spejjeż ta' l-istess konvenuti taħt is-sorveljanza ta' perit *nominandi*;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 8 fejn eċċepew;

Illi l-hekk imsejħa "kantina mhux ta' proprjetà ta' l-attur u għalhekk ma tispettax lilu l-azzjoni odjerna;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-avukati difensuri jittrattaw;

Din hi deċiżjoni dwar jekk għandux jissejjaħ fil-kawża l-Kummissarju ta' l-Artijiet;

L-attur qed jippremetti fiċ-ċitazzjoni li hu l-uniku proprjetarju tal-Villa Barbaro bl-ambjenti kollha tagħha, inkluża l-kantina u talab li l-konvenuti ma jimmolestawhx fil-pussess ta' dina l-proprjetà;

Il-konvenuti rrispondew li l-kantina *de quo* mhix proprjetà

ta' l-attur iżda tal-Kummissarju ta' l-Artijiet u għalhekk dana għandu jissejjaħ fil-kawża għal kull interess li jista' jkollu;

L-istitut tal-kjamat fil-kawża huwa kkontemplat fl-artikoli 961 u 962 tal-Kap. 12. Hu jaqdi diversi funzjonijiet proċedurali prinċipalment (a) dik li jintegra ġudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jiġu mħarrka u xi uħud minnhom jitħallew barra; u (b) dik li jissalvagwarda d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni ġudizzjarja u li aktarx iġġib warajha azzjoni oħra, bħala *konsegwenza tagħha. Dan il-* prinċipju regolatur ġie interpretat b'mod aktar wiesgħa fuq konsiderazzjonijiet ta' ekonomija ta' ġudizzju u utilitajiet proċedurali oħra - ara fost oħrajn - App. Ċiv. Inf. **Stepton *vs* Spiteri,** 23/11/1988, Vol. XVI, p. 117; **Cassar Desain *utrinque*** 25/6/45, Vol. 32, p. 272; **Barbara *vs* Mallia**, 22/10/56, Vol. XL, p. 264;

Illi fil-każ in eżami in vista tal-premessa ta' l-attur li hu l-uniku proprjetarju tal-kantina, fatt ikkontestat mill-konvenuti, hi neċessarja l-presenza f'dina l-kawża tal-Kummissarju ta' l-Artijiet għal kull interess li jista' jkollu;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' t-talba tal-konvenuti għall-kjamat *fil-kawża tal-Kummissarju ta' l-*Artijiet u tordna n-notifika taċ-ċitazzjoni lill-kjamat fil-kawża u tħalli l-kawża għal dana l-iskop għas-sebgħa u għoxrin ta' Ottubru, 1997 fid-9.15 a.m;

Spejjeż riservati għad-deċiżjoni finali.